A.L. 27 ta' l-1980

ATT TA' L-1952 LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG

(ATT NRU. XI TA' L-1952)

Ordni ta' l-1980 tal-Kunsill tal-Pagi għall-Kostruzzjoni biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1952 li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi għall-Kostruzzjoni dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati li dwarhom l-imsemmi Kunsill tal-Pagi jaħdem, għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1980 tal-Kunsill tal-Pagi għall-Kostruzzjoni biex Jirregola l-Pagi u għandu jibda jseħħ fl-10 ta' Marzu, 1980.

Applikazzjoni ta' l-ordni.

2. Id-disposizzjonijiet murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha li dwarhom il-Kunsill tal-Pagi għall-Kostruzzjoni jaħdem.

Jirrevoka l-ordni ta' qabel.

3. Mid-data li jibda jseħħ dan l-ordni, l-Ordni ta' l-1972 tal-Kunsill tal-Pagi għall-Kostruzzjoni biex Jirregola l-Pagi għandu jiġi mħassar, iżda mingħajr ħsara għal kull dritt u obbligu eżistenti bis-saħħa tiegħu f'dik id-data.

SKEDA

Tifsir.

1. F'din l-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:—

"btajjel tas-soltu" tfisser il-ġranet (barra mill-Ħdud) iddikjarati għal dak iż-żmien bħala btajjel pubbliċi skond jew taħt l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra;

"ġurnata" tfisser perijodu li jibda minn nofs il-lejl ta' ġurnata sa nofs il-lejl tal-ġurnata li tiġi minnufih wara;

"sigħat ta' xogħol" tfisser il-ħin f'kull ġurnata li matulu l-impjegati jkunu għad-disposizzjoni tal-prinċipal, barra mill-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"paga normali fis-siegħa" tfisser il-paga fil-ġimgħa maqsuma:—

(a) f'60, fil-każ ta' għassiesa, u

(b) f'44, fil-każ ta' mpjegati oħra;

"waqfien tas-soltu" tfisser waqfien tas-s
partikolari ta' l-impjegati li għalihom tapplika dın l-Iskeda;

"ħin u nofs" u "ħin doppju" ifissru rispettivament —

(a) fil-każ ta' mpjegat li jaħdem bil-ħin, darba-u-nofs u darbtejn ir-rata normali li tkun qed titħallas lilu;

(b) fil-każ ta' mpjegati bl-imqieta:

(i) ir-rati bl-imqieta li jkunu qed jitħallsu lill-impjegat, u barra minn hekk,

(ii) rata ta' ħin ekwivalenti għal nofs, jew, skond il-każ, ir-rata normali kollha li kienet tkun titħallas lilu kieku kellu jkun impjegat li jaħdem bil-ħin;

"paga" tfisser kumpens jew qliegħ, li jitħallas bi flus minn prinċipal lil impjegat;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa" tfisser perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa konsekuttivi li jibda fil-ħin li fih l-impjegat normalment jibda t-*turn* tiegħu ta' xogħol;

"impjegat *whole-time*" tfisser impjegat li jkun meħtieġ jaħdem:—

(a) għal mhux anqas minn 37 siegħa f'xi ġimgħa waħda, barra minn xogħol ta' sahra, jekk jaħdem f'barriera;

(b) għal mhux anqas minn 45 siegħa f'xi ġimgħa waħda, barra minn xogħol ta' sahra, jekk jaħdem bħala għassies, u

(ċ) għal mhux anqas minn 30 siegħa f'xi ġimgħa waħda, barra minn xogħol ta' sahra, fil-każ ta' l-impjegati l-oħra kollha.

Sigħat ta' xogħol.

2. (1) L-inqas kumpens fil-ġimgħa għall-impjegati li jaħdmu bil-ħin, barra minn għassiesa, għandu jkun relattiv għal mhux aktar minn erbgħa u erbgħin siegħa xogħol barra minn sahra u waqfien tas-soltu għall-ikel u għall-mistrieħ imqassma f'ġimgħa ta' ħamest ijiem.

(2) L-inqas kumpens fil-ġimgħa għall-għassiesa għandu jkun relattiv għal ġimgħa ta' mhux iktar minn sittin siegħa xogħol, barra minn sahra mxerrda f'perijodu ta' sitt ijiem.

L-anqas kumpens.

3. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 7 ta' din l-Iskeda, l-anqas paga fil-ġimgħa li titħallas lill-impjegati bil-ħin għandha tkun din li ġejja:—

(a) (i) Għassiesa li d-dmirijiet tagħhom huma prinċipalment ġewwa	£24.88,0
(ii) Għassiesa li d-dmirijiet tagħhom huma prinċipalment barra	£25.88,0
(b) Impjegati oħra bil-ħin:	
(i) ta' 18-il sena jew fuqhom	£24.88,0
(ii) ta' 17-il sena	£20.24,0
(iii) taħt is-17-il sena	£19.13,0.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' din l-Iskeda, impjegat ikun intitolat għall-kumpens kontrattwali kollu fil-ġimgħa jekk —

(a) jaħdem għal mhux anqas minn 37 siegħa f'xi ġimgħa waħda, barra minn xogħol ta' sahra, jekk jaħdem f'barriera;

(b) jaħdem għal mhux anqas minn 45 siegħa f'xi ġimgħa waħda, barra minn xogħol ta' sahra, jekk jaħdem bħala għassies;

(ċ) fil-każ ta' mpjegati oħra, jaħdem għal anqas minn 44 siegħa, iżda għal mhux anqas minn 30 siegħa, f'xi ġimgħa waħda, barra minn xogħol ta' sahra:

Iżda jista' jsir tnaqqis proporzjonali dwar dak in-numru ta' sigħat li matulhom l-impjegat ma jattendix għax-xogħol fuq talba tiegħu stess.

4. Fil-każ ta' mpjegati li jaħdmu bl-imqieta l-anqas rati ta' pagi bl-imqieta jkunu b'mod li ebda mpjegat ma jaqla', meta jkun impjegat fuq xogħol bħal dan, anqas mir-rata xierqa ta' ħin *pro rata* speċifikata fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda. Impjegati bl-imqieta.

5. L-impjegati barra minn għassiesa jkollhom intervalli ta' mhux anqas, b'kollox, minn siegħa għall-ikel u għall-mistrieħ f'kull ġurnata li fiha s-sigħat tax-xogħol jeċċedu ħames sigħat u nofs. L-anqas ħin ta' mistrieħ kuljum.

6. L-impjegati kollha jkollhom ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa. L-anqas ħin ta' mistrieħ fil-ġimgħa.

7. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu u tal-paragrafu 1 ta' din l-Iskeda, għandhom jitħallsu bħala rati ta' sahra lill-impjegati kollha, barra minn għassiesa, kif ġej: — L-anqas rati ta' sahra.

(1) (a) f'kull ġurnata oħra barra s-Sibt, il-Ħadd jew btala tas-soltu, għall-ħin kollu tax-xogħol li jinħadem 'il fuq minn tmienja u erbgħa minn kull ħamsa ...	ħin u nofs;
(b) għall-ħin kollu ta' xogħol nhar ta' Sibt	ħin u nofs;
(ċ) għall-ħin kollu ta' xogħol nhar ta' Ħadd	ħin doppju;
(d) għall-ħin kollu ta' xogħol fi btala tas-soltu	ħin doppju b'żieda mal-paga normali ta' siegħa.

Id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu japplikaw għal impjegat bl-imqieta biss meta huwa jkun imqabbad jaħdem sahra mill-prinċipal tiegħu.

(2) Sahra għandha titħallas lil għassiesa —

(a) bir-rata ta' ħin u nofs għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn 60 siegħa f'perijodu ta' sitt ijiem konsekuttivi, u

(b) bir-rata ta' ħin doppju għall-ħin kollu li jinħadem fis-seba' ġurnata u/jew f'xi btala tas-soltu.

8. (1) Impjegati *whole-time* jkollhom dritt, f'kull sena kalendarja, għal — Vaganzi.

(a) il-btajjel tas-soltu kollha b'paga sħiħa, u

(b) wara tliet xhur fl-impieg, *leave* ta' vaganza b'paga sħiħa li jkun daqs dak in-numru ta' ġranet tax-xogħol li dak l-impjegat partikolari normalment ikollu jattendi għax-xogħol matul perijodu ta' erba' ġimgħat:

Iżda mpjegati *whole-time* li jkun ilhom fl-impieg għal anqas minn sena jkollhom dritt għal dik il-parti ta' l-imsemmi *leave* li tkun bi proporzjon għan-numru ta' xhur fl-impieg.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, waqfien fl-impieg ta' mhux aktar minn tletin ġurnata m'għandux jinterrompi l-kontinwità tas-servizz.

9. (1) Wara li jagħmlu sena servizz kontinwu, l-impjegati *whole-time* jkunu ntitolati għal ħmistax-il ġurnata *leave* għal mard f'kull sena kalendarja b'paga sħiħa nieqes kull benefiċċju għall-mard li għalih huma *Leave* għal mard.

jista' jkollhom dritt skond l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali, u għal ħmistax-il ġurnata oħra b'nofs paga f'kull sena kalendarja, nieqes nofs ir-rata ta' kull benefiċċju bħal dak:

Iżda għandu jingħata lill-prinċipal ċertifikat tat-tabib li jiċċertifika inkapaċità għax-xogħol li jkopri l-perijodu ta' assenza, iżda l-prinċipal ikollu d-dritt jekk ikun hekk jixtieq, li jibgħat it-tabib tiegħu biex jeżamina lill-impjegat.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, waqfien fl-impieg ta' mhux iktar minn tletin ġurnata m'għandux jinterrompi l-kontinwità tas-servizz.

Leave għal luttu.

10. Impjegati *whole-time* jingħataw jumejn *leave* bi ħlas fil-każ talmewt ta' xi wieħed jew waħda mill-qraba li ġejjin: il-mara, ir-raġel, l-omm, il-missier (jew il-persuna li f'dak iż-żmien kienet fil-fatt qegħda tagħmilha ta' omm jew missier l-impjegat), l-iben jew il-bint.

Leave għal żwieġ, eċċ.

11. Impjegat *whole-time* jingħata tlett ijiem *leave* b'paga sħiħa fl-okkażjoni taż-żwieġ tiegħu u jumejn *leave* b'paga sħiħa fl-okkażjoni tat-twelid ta' tarbija lil martu.

Leave għal korriment.

12. Impjegat *whole-time* ikun intitolat għal sena *leave* għal korriment b'paga sħiħa, nieqes l-ammont sħiħ ta' kull benefiċċju għal korriment li għalih dak l-impjegat ikollu dritt skond l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali, jekk ikorri waqt il-qadi attwali ta' dmirijietu u dak il-korriment ma jkunx minħabba negliġenza kontributorja minn naħa tiegħu jew minħabba li jkun kiser regoli ta' ħarsien mill-periklu stabbiliti mill-*management*.

Servizz bħala ġurat.

13. Impjegat *whole-time*, jingħata, jekk jissejjaħ bħala ġurat, il-ħin kollu li jkun meħtieġ, mingħajr ebda tnaqqis mill-paga li xort'oħra kien ikollu dritt għaliha, sabiex ikun jista' jattendi għal dak id-dmir fil-Qorti.

Ħin ta' stennija.

14. Impjegat għandu dritt għall-ħlas ta' l-anqas kumpens applikabbli għalih għall-ħin kollu li matulu jkun preżenti fil-post tal-prinċipal tiegħu jew f'kull post ieħor li għandu x'jaqsam ma' l-impieg tiegħu, ħlief meta jkun preżenti hemmhekk f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:—

(a) mingħajr il-kunsens tal-prinċipal, imfisser jew mifhum;

(b) għal xi skop li m'għandux x'jaqsam max-xogħol tiegħu barra meta jkun qed jistenna li jingħata x-xogħol x'jagħmel;

(ċ) għar-raġuni biss tal-fatt li huwa residenti hemmhekk;

(d) matul il-ħinijiet normali ta' l-ikel f'kamra jew f'post li fih ma jkun qiegħed isir ebda xogħol, u huwa ma jkunx qiegħed jistenna li jingħata xi xogħol x'jagħmel.

NOTA TA' TIFSIR

(Din in-nota mhix parti mill-ordni iżda hija maħsuba biex turi l-applikabbilità tiegħu)

L-Ordni ta' hawn fuq japplika għall-impjegati kollha li jaħdmu fil-bini, fl-inġinerija ċivili, u fl-inġinerija jew xogħol mekkaniku jew ta' l-elettriku kif ukoll għall-impjegati kollha li jaħdmu f'xogħlijiet ta' l-irħam, u f'kalkari tal-ġir.

Għall-finijiet ta' din in-Nota ta' Tifsir:—

(a) il-frażi "bini, inġinerija ċivili u inġinerija jew xogħol mekkaniku jew ta' l-elettriku" tinkludi xogħol ta' kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-ġdid, manutenzjoni,

tiswija, tibdil, żebgħa, dekorazzjoni jew twaqqigħ ta' kull bini, triq, port, baċir, *pier*, pont, *viaduct*, kanal, drenaġġ, bir jew xogħol ieħor ta' kostruzzjoni, it-tħejjija għall-pedamenti jew it-tqegħid tal-pedamenti ta' kull xogħol jew struttura bħal dawk, il-qlugħ mill-art ta' ġebel, tafal, ramel jew żrar, il-manifattura ta' ġebel tal-konkrit u ta' bċejjeċ ta' konkrit, il-manifattura ta' madum tas-siment u kull xogħol ta' *plumbing* jew stallazzjoni ta' l-elettriku; u

(b) il-frażi "xogħlijiet ta' l-irħam" tinkludi l-qtugħ, l-inġir, l-issettjar u t-tqegħid ta' blokki jew ċangaturi ta' l-irħam biex isiru wċuh ornamentali jew protettivi, u t-tħejjija u l-issettjar ta' l-oġġetti kollha ta' l-irħam sew jekk għal skopijiet ornamentali u sew jekk le.

Dan l-ordni ma japplikax għal impjegati ma' kuntratturi għal xogħlijiet ta' l-injam.